**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Paul Attard ta' 70 sena, iben il-mejjet Joseph u Maria xebba Muscat li joqghod 20, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex.**
**u**
**Grace Farrugia ta' 46 sena, mart John, bint Paul Attard u Maria xebba Farrugia li toqghod 22, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' Nru. 24454(G)**

Illum 17 t' Ottubru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fis-27 ta' Lulju 2000 tas-1:00p.m. u fil-jiem ta' qabel iddepozitaw kaxxi ta' l-injam u tal-kartun u oggetti ohra fi sqaq fi Triq San Gakbu, Nadur b'tali mod li jistghu jgibu xkiel jew periklu jew inkomdu lill-pubbliku, (2) aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi f'post pubbliku jew li l-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas, waqqghu jew iddepozitaw jew talli hallew xi haga kienet x'kienet f'tali cirkostanzi li tista' tikkawza jew iggieghel li thassar post fil-miftuh.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex minbarra l-piena stabbilita bil-Ligi tordna lill-imputati biex inehhu l-imsemmi nkonvenjent fi zmien sufficjenti moghti lilhom mill-Qorti taht penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas.

Semghet il-provi u l-eccezzjoni ta' l-imputati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Dwar l-eccezzjoni sollevata mill-imputati, din il-Qorti ma tista' taghmel l-ebda provvediment ghaliex la hemm talba ta' nullita` jew nuqqas ta' gurisdizzjoni, preskrizzjoni jew talba simili ghaliex fiha jinghad biss illi l-imputati jikkontendu li l-passagg in kwistjoni huwa wiehed privat u mhux pubbliku.

Ghalhekk il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

(ft) Giovanni Grixti

Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur